# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Dicembru, 2001

## Avviz numru : 71/2001GT(GM)

**Untours Insurance (Agents & Brokers) Ltd u din ghall-Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' James Munro u l-istess James Munro**

**-vs-**

**Maria Lourdes Gauci**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata ghall-hlas ta' erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm444.49) danni mgarrba fit-22 ta' Marzu 2000 meta il-vettura EAV 682 misjuqa mill-konvenuta habtet mal-vettura CAP 213 fi Triq San Duminku, Fontana, Ghawdex.**

**Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident.**

**Bl-ispejjex u imghax kontra l-konvenuta mid-data tan-notifika ta' l-avviz inkluz spejjez ta' ittra ufficjali prezentata illum stess kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta fejn il-konvenuta eccepiet:**

1. **illi t-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita' u kundanna lill-eccipjenti ghall-hlas tad-danni mhijiex gustifikata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici;**

2. **illi l-konvenuta mhix responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza billi l-kollizjoni sehhet minhabba imperizja u sewqan non**

**kuranti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Teresa Munro li kienet is-sewwieqa tal-vettura Tipo bin-numru CAP-213 kif ser jigi pruvat ampjament fil-kors tal-kawza;**

**3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ikkunsidra**

**Illi l-ebda rapprezentant tas-socjeta' attrici ma deher ghas-seduti li nzammu fl-4 ta' Dicembru 2001, fl-14 ta' Dicembru 2001 (ghalkemm f'din is-seduta l-avukat tas-socjeta' baghat jitlob ghal differiment, mhux oppost, billi kien indispost), tal-20 ta' Dicembru 2001 u dik tallum;**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal, b'applikazzjoni tal-artiklu 13 (a), tal-Att V tal-1995, jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez, inkluz tal-avukat li ppatrocina lill-konvenuta, ghandhom jigu sofferti mis-socjeta' attrici.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**(ft) Eva Buttigieg**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**